**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**
**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 80/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Wayne Camilleri)**
**(Spettur Antonello Magri)**

**vs**

**Michael DELIA**

**Illum, 29 ta' Jannar 2025**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mogħtija nhar is-26 ta' Frar 2024 fil-konfront ta' **Michael DELIA**, bin Martin u Mandy nee` Warner, imwieled nhar is-16 ta' April 1992, u residenti ġewwa A Farmhouse, Vjal Santa

Luċija, Paola, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 200492(M), li ġie mixli talli:

Nhar il-31 ta' Diċembru 2022, għall-ħabta ta' 10:00hrs u fil-ġranet u ħinijiet ta' qabel ġewwa A Farmhouse, Vjal Santa Luċija, Paola u f'dawn il-Gżejjer:

1) Żamm f'xi fond armi tan-nar u munizzjon b'tali mod li ma kienux maqfulin b'mod sigur f'dak il-fond;

2) U aktar talli fl-istess ħinijiet, lok u ċirkostanzi, ikkaċċja jew ipprova jikkaċja, jieħu jew jipprova jieħu xi għasfur billi juża armi semi-awtomatiċi jew awtomatiċi b'kompartiment għall-iskrataċ li kapaċi jżomm iżjed minn żewġ tiri ta' munizzjon.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tordna l-konfiska ta' arma regolari jew munizzjon li jkunu qed jinżammu jew jinġarru, jiġu akkwistati jew ikunu fil-pussess, jiġu importati jew esportati, mibjugħin jew trasferiti bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att bħala konsegwenza tal-piena għal dan il-ksur, ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tħassar jew tissospendi liċenzja maħruġa u tipprojbixxi lill-persuna milli jkollu xi liċenzja tal-armi ai termini tal-Artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tħassar jew tissospendi liċenzja maħruġa jew tipprojbixxi lill-persuna milli jkollu liċenzja tal-kaċċa, ai termini tal-Kapitolu 549 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikoli 5(3), 56 u 57 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, sabet lill-imputat **Michael DELIA**

(illum, l-appellant) ħati tal-ewwel imputazzjoni, mhux ħati tat-tieni imputazzjoni, u kkundannatu multa ta' seba' mitt ewro (€700), u ordnat il-konfiska tal-munizzjon u s-sospensjoni u t-tħassir tal-liċenzja għall-perjodu ta' sena.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi **DELIA** appella minn din is-sentenza b'rikors intavolat minnu nhar id-ta' Frar 2024, u talab lil din il-Qorti sabiex "*tvarja s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li ngħatat fis-26 ta' Frar 2024, billi tikkonfermaha fejn ma sabitux ħati tat-tieni akkuża, tvarjaha xorta waħda jekk issibu ħati tal-ewwel akkuża billi tneħħi l-ordni ta' konfiska tal-munizzjon u fejn ordnat is-sospensjoni tal-liċenzja tal-appellant u tħassarha u tirrevokaha fejn sabitu ħati tal-ewwel akkuża u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija*".

## D. IR-RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi permezz tar-risposta tagħha, intavolata fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar it-13 ta' Ġunju 2024, l-Avukat Ġenerali talbet sabiex abbażi tal-eċċezzjoni preliminari minnha mqajma, tiddikjara r-rikors tal-appellant bħala wieħed null. F'każ illi din il-Qorti ma tilqax din l-eċċezzjoni, kompliet l-Avukat Ġenerali, din il-Qorti għandha tiċħad l-aggravji kollha tal-appellant, u dan għar-raġunijiet indikati fl-istess risposta.

## E. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

5. Illi fl-udjenza miżmuma quddiemha nhar is-17 ta' Ġunju 2024, din il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-appell.

## F. KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar il-31 ta' Diċembru 2022, għall-ħabta tal-10:00hrs, daħal rapport ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Raħal Ġdid u dan fis-sens illi l-Pulizija ġew infurmati illi fi Vjal Santa Luċija, ġewwa Raħal Ġdid, kienet seħħet sparatura u li kien hemm persuna li ġarrbet ġrieħi b'arma tan-nar. Għalhekk il-Pulizija minnufih marru fuq il-post, fejn mal-wasla tagħhom, sabu lil ċertu Renato Bonnici (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 361048(M)), li stqarr kif kien ra lil xi ħadd jispara u tahom informazzjoni rigward l-identita` ta' din il-persuna. Fl-istess waqt, il-Pulizija setgħet tara persuna mimlija dmija tiela' mid-direzzjoni ta' għalqa, liema persuna identifikat ruħha bħala Anthony Azzopardi (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 485565(M)). Fuq il-post ġiet imsejħa ambulanza li ħadet lil Azzopardi sabiex jirċievi l-kura u l-assistenza ġewwa l-isptar.

7. Illi waqt tfittxija illi saret fl-inħawi, fejn irrikorrew għall-assistenza wkoll Pulizija mir-*Rapid Intervention Unit*, ġew rintraċċjati ċertu Martin Delia u ibnu **Michael DELIA**, l-appellant odjern, li mill-ewwel ikkoperaw mal-Pulizija u taw ruħhom b'idejhom.

8. Jirriżulta wkoll illi in konnessjoni mal-investigazzjoni, saret spezzjoni ġewwa l-fond in kwistjoni, fejn instab *safe* miftuħ, skont ix-xhieda tal-Ispettur Wayne Camilleri[1] u tal-Ispettur Antonello Magri[2], mingħajr katnazz, li fih kien hemm tmien armi tan-nar, ilkoll reġistrati f'isem l-appellant **DELIA**. Irriżulta lill-Pulizija illi l-appellant fil-fatt kellu disa' armi reġistrati fuq ismu, iżda waħda minn dawn l-armi tan-nar, ossia *shotgun* tal-għamla Luigi Franchi bis-*serial number* 05-03-E0227-11, ma kinitx fis-*safe* ġewwa r-residenza tiegħu.

9. Jirriżulta in oltre illi l-appellant ittieħed ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, fejn wara li ġew mogħtija lilu d-drittijiet tiegħu skont il-liġi, huwa rrilaxxja stqarrija bil-miktub, fil-presenza tal-avukat ta' fiduċja tiegħu, bl-appellant jinnega li l-armi kollha reġistrati fuq ismu ma kinux fis-*safe*,

[1] A fol. 11 tal-proċess.
[2] A fol. 16 tal-proċess.

apparti illi huwa ma weġibx għal xi mistoqsijiet li sarulu, kif kellu kull dritt li jagħmel. Madankollu, hekk kif spiċċat l-interrogazzjoni huwa wera li xtaq jikkopera u jieħu lill-Pulizija fuq il-post, sabiex jurihom fejn kienet din l-arma, kif fil-fatt sar. Sussegwentement instabet ukoll l-istess arma, qalb munzell ħwejjeġ ġewwa kamra fir-residenza tal-appellant. Instabu wkoll tliet kaxxi bil-munizzjon.

10. Nhar il-15 ta' Mejju 2023 l-appellant deher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mixli bl-imputazzjonijiet fuq indikati, u nhar is-26 ta' Frar 2024, ingħatat is-sentenza fil-konfront tiegħu, mil-liema huwa interpona dan l-appell, kif fuq ingħad.

11. Illi l-appellant jilmenta mid-deċiżjoni ta' sejbien ta' ħtija dwar l-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, billi jsostni illi l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin, kemm tal-provi, kif ukoll tad-dritt. Huwa jgħid illi kif jirriżulta mill-provi, partikolarment mix-xhieda tiegħu, l-armi kollha kienu miżmuma f'*safe*, salv għal arma waħda li kienet żarmata u mhux funzjonanti u intiża sabiex tintuża għall-*parts*. L-appellant jilmenta wkoll mill-fatt illi mis-sentenza appellata, m'huwiex ċar għal-liema liċenzja kienet qed tirreferi l-ewwel Qorti meta għaddiet sabiex tissospendilu l-liċenzja għall-perjodu ta' sena, u dan hekk kif miċ-ċitazzjoni odjerna, jirriżulta illi l-Qorti ġiet mitluba sabiex tissospendilu żewġ tipi ta' liċenzji. Fil-fehma tal-appellant, "*huwa nebjulus ghall-ahhar ghall liema licenzja l-Qorti qed tirreferi u allura din il-parti tas-sentenza qatt ma giet asserita*". L-appellant jilmenta wkoll mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dik il-parti fejn ordnat il-konfiska tal-munizzjon u dan stante illi dan qatt ma ġie esebit f'dawn il-proċeduri. Jisħaq ukoll illi l-ewwel Qorti ma sabet xejn irregolari in kwantu l-armi in kwistjoni, għaliex f'dak il-każ, kienet tordna wkoll il-konfiska tal-armi, u mhux biss tal-munizzjon. Jgħid ukoll illi huwa sorpriż kif l-ewwel Qorti setgħet issibu ħati dwar il-munizzjon fit-termini tal-ewwel imputazzjoni, u dan stante illi skont hu, waqt il-ġbir tal-provi, l-ebda xhud ma semma l-munizzjon.

12. Min-naħa l-oħra, l-Avukat Ġenerali tilqa' għal dawn l-aggravji billi fl-ewwel lok tisħaq illi r-rikors ta' l-appell għandu jiġi dikjarat null, stante

illi t-talba ma saritx skont il-liġi. In oltre skont l-Avukat Ġenerali, jirriżulta ċar mill-kwadru probatorju kif imfassal mill-Prosekuzzjoni, illi l-armi tan-nar in kwistjoni mhux biss ma kinux maqfulin b'mod sigur, iżda lanqas biss kienu maqfulin. Dan oltre illi arma minnhom, flimkien ma' kaxxi bil-munizzjon, ma kinux jinsabu fil-*locker* flimkien mal-armi l-oħrajn. In kwantu għall-aggravju dwar is-sospensjoni tal-liċenzja, l-Avukat Ġenerali tirrileva li huwa ċar għal liema liċenzja tirreferi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha, u dan għaliex la darba l-appellant instab ħati biss tal-ewwel imputazzjoni, is-sospensjoni tal-liċenzja setgħet biss tiġi ġiet ordnata taħt id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta in konnessjoni mal-liċenzja regolata taħt l-Artikolu 5 tal-istess Kapitolu, tant illi fid-deċiżjoni tagħha, l-ewwel Qorti ċċitat l-Artikoli 5 u 57 tal-istess Kapitolu.

13. Fir-rigward tal-konfiska tal-munizzjon, l-Avukat Ġenerali tisħaq li din hija konsegwenza tas-sejbien ta' ħtija. Tissottometti illi l-Artikolu 57 tal-Kapitolu 480 imkien ma jgħid illi sabiex tiġi ordnata l-konfiska, l-armi jew il-munizzjoni għandhom jiġu esebiti fl-atti.

14. Illi kif ingħad, l-Avukat Ġenerali tissottometti illi r-rikors tal-appell huwa null u dan għaliex it-talba ma saritx skont il-liġi. F'dan ir-rigward, l-Avukat Ġenerali ssostni li skond ġurisprudenza kopjuża tal-Qrati tagħna, meta jintalab it-tibdil tas-sentenza, l-appellant għandu jindika b'mod ċar kif qed jiġi propost illi tiġi riformata l-istess sentenza, fin-nuqqas ta' liema, ir-rikors għandu jiġi dikjarat null. Fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, it-talba tal-appellant m'hijiex ċara, iżda minflok tħalli illi wieħed jissoponi x'qiegħed jintalab.

15. Din il-Qorti sejra tibda billi tindirizza dan il-punt ta' dritt. Hawnhekk issir referenza għall-Artikolu 419(1) tal-Kodiċi Kriminali, liema artikolu jaqra hekk:

> 419. (1) Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni għall-atti ġudizzjarji, għandu jkun fih, -
>
> (a) il-fatti fil-qosor;
> (b) ir-raġunijiet tal-appell;

(c) it-talba għat-tħassir jew għat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri.

16. Din il-Qorti tqis illi minn imkien mill-Artikolu 419 tal-Kodiċi Kriminali ma tirriżulta l-piena tan-nullita` tar-rikors tal-appell, fejn dan ikun nieqes f'xi wieħed mill-elementi indikati fis-sub-artikolu fuq ċitat u dan hekk kif permezz tal-Att I tas-sena 2018, l-Artikolu 419(1) tal-Kodiċi Kriminali ġie emendat billi l-kliem "*taħt piena ta' nullita`*" ġie mħassar. Fejn il-liġi trid li jkun hemm il-piena tan-nullita`, dan tipprovdi espressament għalih u dan kif jidher ċar minn dak li jiddisponu s-sub-artikoli (2) u (3) tal-istess Artikolu 419 tal-Kodiċi Kriminali. Fir-rigward, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Robert Galea** tal-4 ta' Diċembru 2018, fejn din il-Qorti, kif diversament preseduta, għaddiet sabiex tispjega illi l-iskop tal-Artikolu 419(1) tal-Kodiċi Kriminali huwa li l-Qorti tal-Appell tingħata ndikazzjoni ċara dwar dak li jkun qed jilmenta dwaru l-appellant u tat-talba tiegħu f'dan l-istadju tal-proċeduri. Fi kliem dik il-Qorti:

> Ir-raison d'etre tal-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 419 huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza. Il-legislatur evidentement irid li r-rikors ghandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-appellant fil-posizzjoni li jkunu jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali, minn xhiex qed jilmenta l-appellant, u x'inhu jitlob. Pero` minkejja li l-legislatur jirrikjedi dan mhux qed jinsisiti li jekk uhud minn dawn ir-rekwiziti huma nieqsa l-atti jigi kunsidrat null. Ghalhekk il-legislatur ried li jkun hanin ma min jippresenta att li mhux in regola mal-ligi.

17. Għaldaqstant m'għandhiex raġun l-Avukat Ġenerali illi tippretendi li r-rikors tal-appell odjern jiġi ddikjarat irritu u null. Filwaqt illi din il-Qorti tirrikonoxxi li t-talba kif magħmula ma kinitx redatta bl-iktar mod feliċi, xorta tqis li dak li qiegħed jintalab fir-rikors tal-appell jinftiehem suffiċjentement sabiex hija tkun tista' taqdi l-funzjoni tagħha. Huwa evidenti għal din il-Qorti illi l-appellant qed jitlob ir-riforma tas-sentenza appellata, billi fil-waqt illi tiġi konfermata f'dik il-parti fejn l-appellant ma nstabx ħati tat-tieni imputazzjoni, tiġi revokata in kwantu huwa nstab ħati tal-ewwel imputazzjoni, u fi kwalunkwe każ, anke jekk din it-talba tiegħu ma tintlaqax, tiġi revokata f'dik il-parti fejn ġiet ordnata l-konfiska tal-

munizzjoni u s-sospensjoni tal-liċenzja tal-istess appellant. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali qed tiġi respinta.

18. L-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **DELIA** hija naxxenti minn dak li jiddisponi l-Artikolu 5(3)(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, li jaqra hekk:

> (3) (a) Applikazzjoni għal liċenzja taħt din it-Taqsima biex jinżammu f'xi fond armi tan-nar jew munizzjon għandhom jispeċifikaw liema jkun dak il-fond fejn ikunu ser jinżammu dawk l-armi tan-nar u munizzjon u l-liċenzja tingħata biss bil-kondizzjoni li l-armi tan-nar u munizzjon approvati jinżammu maqfulin b'mod sigur u separat f'dak il-fond u li dawk l-armi tan-nar jinżammu skargati.

19. Illi jirriżulta għalhekk minn qari tal-liġi illi ż-żamma ta' armi tan-nar u munizzjon f'fond tista' ssir biss kemm-il darba l-persuna li tkun qiegħda fil-pussess jew ikollha fil-kontroll tagħha dawk l-armi u l-munizzjon fil-fond li jkun, tkun qabel applikat sabiex tikseb liċenzja għal dan il-għan u dan skont kif ravviżat fl-Artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta. Imbagħad is-sub-artikolu (3)(a) ikompli jibni fuq dak li jipprovdi s-sub-artikolu (1) in kwantu jipprovdi li din il-liċenzja tingħata biss bil-kundizzjoni li l-persuna li tkun applikat għaliha, tintrabat illi żżomm dawk l-armi u l-munizzjon maqfulin, b'mod sigur u separat u li l-istess jinżammu skargati. Għalhekk isegwi illi kull żamma ta' armi tan-nar jew munizzjon f'fond, minn persuna, mhux f'post maqful b'mod sigur, ikun jissarraf fi ksur tal-liġi. Ma jkunx biżżejjed li wieħed juri li għandu liċenzja sabiex iżomm dawk l-armi tan-nar jew munizzjon sabiex jeżimi ruħu mir-responsabiltà penali għaliex dak li l-liġi hawnhekk tissanzjona mhux daqstant iż-żamma ta' arma tan-nar jew munizzjon, iżda ż-żamma tal-istess mhux f'post maqful u sigur fil-fond li jkun.

20. Din il-Qorti hija tal-fehma meqjusa li l-appellant m'għandux raġun li jilmenta mid-deċizjoni ta' sejbien ta' ħtija tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) dwar l-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, għaliex mill-provi proċesswali jirriżulta illi fir-residenza tiegħu, l-armi li kienu reġistrati fuq ismu ma kinux maqfulin b'mod sigur, b'arma minnhom tal-għamla Luigi

Franchi bis-*serial number* 05-03-E0227-11, tinstab taħt munzell ħwejjeġ f'kamra fir-residenza tal-appellant, f'liema kamra nstabu wkoll tliet kaxxi ta' munizzjon. Hawnhekk issir referenza għal dak li xehed l-Ispettur Wayne Camilleri, li jgħid li waqt l-ispezzjoni li saret fir-residenza tal-appellant, ġie nnutat li kien hemm tmien armi, ilkoll liċenzjati f'ismu sabiex jinżammu f'dak il-fond, li madankollu ma kinux maqfulin b'mod sigur għaliex "*hemmhekk emm sibna safe miftuħ u fih kien hemm tmien armi tan-nar*"[3] [sottolinear ta' din il-Qorti]. L-istess xhud ikompli jixhed hekk:

> F'dan is-safe kien miftuħ ....kien hemm tmien armi meta l-imputat għandu disa' armi reġistrati fuqu jiġifieri sibna tmienja minn disa' emm x'ħin għidnielu kif qiegħed miftuħ is-safe emm beda jiħħesilja emm dejjem qed nagħmel referenza għal Michael did-darba u beda jipprova jfittex katnazz dak il-ħin u hemmhekk kienet indikazzjoni ċara li hawnhekk is-safe dak kien jitħalla miftuħ mingħajr katnazz kif suppost titlob il-liġi ...barra minn hekk f'dil-farmhouse ma kienx hu biss li jgħix fiha emm tgħix fiha żgur ukoll ommu u anke missieru u tiġi frekwentata minn persuni oħra iġifieri dawn l-armi nstabu b'mod u manjiera li kulħadd seta' kellu aċċess għalihom.[4] [sottolinear tal-Qorti]

21. Hawnhekk issir ukoll referenza għal dak li xehed l-Ispettur Antonello Magri li jgħid hekk:

> ...jiena nżilt fuq il-post fejn kien hemm żewġ persuni li kienu diġa` arrestati li kienu Micheal Delia kif ukoll missieru Martin emm u wara li bdejna l-investigazzjonijiet emm fuq il-post morna biex nagħmlu search ġewwa ir-residenza ta' fejn kien joqgħod Martin Delia li hija farmhouse A ... Vjal Santa Luċija emm Raħal Ġdid emm fejn kif dħalna ġo dil-farmhouse ... ġo kamra fuq in-naħa ta' ġewwa innutajna safe emm li kien miftuħ u li kien hemm tmien armi tan-nar li kienu ta' ... ta' Michael ... ta' Michael Delia ...[5] [sottolinear tal-Qorti]

[3] Ara a fol. 11 tal-proċesswali.
[4] A fol. 12 tal-atti proċesswali.
[5] A fol. 16 tal-proċess.

22. Fir-rigward, PS 512 Josef Gerada jixhed illi s-*safe* fejn l-appellant kien iżomm l-armi ma kienx wieħed li jissakkar u li kien aċċessibbli għal kulħadd:

> ..nixtieq inżid ukoll illi stajt ninnota ftit qabel ... meta wasalna fuq il-post is-safe ma kienx jissakkar emm iġifieri dan prattikament l-armi fejn kienu qed jiġu miżmuma seta' kellu aċċess kulħadd emm min kien joqgħod hemmhekk ...[6]

23. In kwantu l-arma li nstabet barra mis-*safe* ossia l-arma tal-għamla Luigi Franchi bis-*serial number* 05-03-E0227-11, l-istess xhud jixhed bil-mod segwenti:

> ..jien kif ukoll mal-forty-two emm ħadna lil Michael Delia fir-residenza tiegħu emm fejn hemmhekk ippuntalna lejn kamra li kienet mimlija kollha ħwejjeġ eee infatti beda jipprova jqalleb u kif ukoll aħna biex naraw insibux din l-arma fejn eventwalment bdiet tidher dil-arma li kienet qalb turrun ħwejjeġ fejn minn hemmhekk infurmajt lin-naħa tal-ballistika biex jerġgħu jiġu fuq il-post ... ħadu l-arma kif ukoll ġiet iffotografata min-naħa tagħhom u kif ukoll ittieħdu tliet kaxxi ta' immunition illi kienu fl-istess kamra emm hemmhekk ...[7]

24. Illi mbagħad jixhed ukoll PC 432 Sandro Mamo li jikkonferma x-xhieda ta' PS 512 Josef Gerada, u jgħid hekk dwar l-arma tal-għamla Luigi Franchi bis-*serial number* 05-03-E0227-11:

> "morna fuq il-post fid-dar Farmhouse A eee Vjal Santa Luċija Paola fejn Michael uriena fejn kienet qiegħda l-arma ... domna daqsxejn biex sibnieha għax l-arma kienet qiegħda moħbija f'munzell kbir ta' ħwejjeġ u affarijiet oħra fosthom bagalji ... fannijiet u eċċetra ... wara xi kwarta nfittxuha dil-arma sibnieha emm ikkonfermajna li kienet eee l-arma li kienet nieqsa u fl-istess ħin sibna ukoll xi kaxex mimlijin munizzjoni emm dawn ġew elevati mill-ballistika u ffotografati minn tas-SOCO ..."[8]

---

[6] A fol. 21 tal-proċess.
[7] A fol. 21 tal-atti proċesswali.
[8] A fol. 22 tal-proċess.

25. In kontro-eżami, ix-xhud ikompli jixhed illi din l-arma "*kienet mitluqa u moħbija ... ġo ġo ħwejjeġ iġifieri miftuħa iġifieri għal kulħadd*" u "*ma kinitx miftuħa bħala miftuħa fiżikament imma kienet qiegħda mixħuta mhux kif miżmuma proprjament ġo safe iġifieri msakkra ġo xi ħaġa*"[9]. Mistoqsi mill-avukat difensur dwar is-*safe* li fih kienu jinżammu l-armi l-oħra kollha illi l-appellant kellu reġistrati fuq ismu, huwa jixhed illi "*Kien hemm kaxxa miftuħa*" u għas-suġġeriment illi dan kien *safe*, huwa jkompli "*Ma kienx hemm safe ... jekk tista' tgħidlu safe kaxxa miftuħa*".[10] [sottolinear tal-Qorti]

26. Illi fix-xhieda tiegħu quddiem l-ewwel Qorti, l-appellant jixhed illi s-*safe* li fih iżomm l-armi in kwistjoni jinqafel kemm b'katnazz u serratura. In kwantu għall-arma li nstabet f'kamra separata, huwa jixhed illi dan kien ħadu għat-tiswija, iżda baqa' difettuż, "*daqqa jiehu u daqqa le*"[11], u illi għalhekk ħallih sabiex jużah għall-*parts* għax il-*parts* huma skarsi. Jixhed ukoll illi s-*safe* fejn jinżammu l-armi kien fuq iċ-ċavetta, bil-katnazz imdendel barra, iżda dak il-ħin kien qed inaddaf l-armi, għaliex kien sejjer jispara għall-plattini, meta mar missieru ħdejh u qallu illi kien hemm il-Pulizija, għalhekk għalaq il-bieba tas-*safe* u ħareġ sabiex jara x'iridu.

27. Illi in kwantu għall-arma li nstabet f'kamra separata qalb munzell ħwejjeġ, jibda biex jingħad illi minkejja illi fl-appell tiegħu, l-appellant jgħid illi din ma kinitx tiffunzjona, kienet żarmata u intiża biss għall-*parts,* din il-Qorti tinnota illi l-istess appellant mkien ma qal jew wera fix-xhieda tiegħu illi din l-arma kienet fil-fatt żarmata. Huwa jgħid illi din kienet difettuża, illi daqqa tieħu u daqqa le, u għalhekk dan ifisser illi din kienet tiffunzjona għalkemm mhux b'mod dejjem tajjeb, b'dan għalhekk illi fil-fehma ta' din il-Qorti, din kellha tinżamm maqfula b'mod sigur bħal bqija tal-armi li l-appellant kellu reġistrati fuq ismu. Jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-uffiċjali tal-Pulizija li marru fuq il-post, illi fl-istess kamra fejn instabet din l-arma, instab ukoll munizzjon, ukoll bi ksur tal-liġi u għalhekk lanqas hawn m'għandu raġun l-appellant meta jgħid, fir-rikors tiegħu, illi ma ngħatat l-ebda xhieda dwar il-munizzjon illi nstab.

[9] A fol. 23 tal-proċess.
[10] A fol. 24 tal-proċess.
[11] A fol. 65 tal-atti proċesswali.

28. Illi in kwantu għall-bqija tal-armi ġewwa l-armadju, din il-Qorti tqis illi l-appellant m'huwiex kredibbli meta jixhed illi f'dak il-waqt, is-*safe* kien fuq iċ-ċavetta, bil-katnazz imdendel barra, meta l-uffiċjali kollha tal-Pulizija fuq il-post xehdu illi s-*safe* kien miftuħ, oltre illi l-Ispettur Wayne Camilleri jixhed ukoll illi dak il-ħin, meta mistoqsi għalfejn is-*safe* kien miftuħ, l-istess appellant "*beda jiħħesilja*" u "*beda jipprova jfittex katnazz dak il-ħin*". Li kieku verament l-appellant kien qed inaddaf l-armi sabiex jispara fuq il-plattini – fatt dan illi din il-Qorti wkoll ma tqisux kredibbli u verosimili tenut kont li l-ispezzjoni saret mill-Pulizija ftit tal-mumenti wara allegat inċident ta' sparatura bejn missier l-appellant u terza persuna - il-katnazz kien ikun faċilment aċċessibbli għall-istess appellant.

29. Għaldaqstant, magħmula s-suesposti kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolement issib ħtija fl-appellant għar-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u fir-rigward, tiċħad l-aggravji mqajma mill-istess appellant.

30. Illi in kwantu għall-aggravju tal-appellant fis-sens illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tordna l-konfiska tal-munizzjon, l-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta jippreskrivi tassattivament il-konfiska ta' arma regolari u ta' munizzjon li jkunu qegħdin jinżammu mill-ħati bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan l-artikolu jaqra hekk:

> Il-Qorti għandha tordna l-konfiska ta' arma regolari jew munizzjon li jkunu qed jinżammu jew jinġarru, jiġu akkwistati jew ikunu fil-pussess, jiġu importati jew esportati, mibjugħin jew trasferiti bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att bħala konsegwenza tal-piena għal dak il-ksur.

31. Illi għalhekk, la darba l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) issib ħtija dwar ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, hija għandha wkoll b'mod tassattiv tordna il-konfiska tal-armi tan-nar u tal-munizzjon mertu tal-ksur tal-liġi.

32. Madankollu, hawnhekk il-Qorti tikkunsidra illi minn imkien mill-atti proċesswali ma jirriżulta illi l-armi in kwistjoni u l-munizzjon ġew esebiti f'dawn il-proċeduri, la materjalment u lanqas formalment. Skont l-appellant, dan ifisser illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx tordna

l-konfiska tal-munizzjon in kwistjoni. Din il-Qorti tqis illi hawnhekk l-appellant għandu raġun għaliex la darba l-armi tan-nar u l-munizzjon baqgħu ma ġewx esebiti, imqar formalment, fl-atti ta' dawn il-proċeduri, dawn baqgħu m'għaddewx taħt il-kontroll u l-awtorita` tal-Qorti, b'mod għalhekk illi lanqas ma setgħet tiġi ordnata l-konfiska tagħhom. Din il-Qorti tirreferi għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Aquilina u Patrick Xerri** tas-7 ta' Lulju 1995, fejn ingħad hekk:

> Il-konfiska ai termini ta' l-artikolu 23(1) tal-Kodiċi Kriminali ta' strument li serva sabiex delitt isir hija konsegwenza tal-piena stabbilita mil-liġi għad-delitt anke jekk din il-konfiska ma tkunx espressament imsemmija fil-liġi; għaldaqstant il-prassi fil-Qorti tagħna dejjem kienet li lanqas hemm bżonn li tali konfiska tiġi espressament imsemmija fis-sentenza, għax tali konfiska sseħħ awtomatikament purche` li l-istrument in kwistjoni jkun ġie esebit taħt l-awtorita` tal-Qorti. [sottolinear ta' din il-Qorti][12]

33. Illi għalhekk l-appellant għandu raġun f'dan l-aggravju tiegħu, u għaldaqstant din il-Qorti qed tilqa' dan l-aggravju.

34. Illi mbagħad in kwantu għall-aggravju tal-appellant illi jirrigwarda s-sospensjoni tal-liċenzja, huwa evidenti illi hawnhekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet qegħda tirreferi għas-sospensjoni tal-liċenzja maħruġa taħt il-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u dan in kwantu s-sejbien ta' ħtija fl-appellant għall-ewwel imputazzjoni ġġib bħala konsegwenza dak preskritt fl-Artikolu 57 tal-istess Kapitolu 480, li jaqra hekk:

[12] F'dan is-sens ara wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christopher Cope** tas-27 ta' Mejju 2015, fejn ingħad hekk: "*8. Kwantu għall-konfiska, it-taxi ma ġietx esebita fl-atti u għaldaqstant mhijiex se tiġi konfermata l-konfiska*". Ara wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincent Abela** tal-25 ta' Novembru 2022, fejn dik il-Qorti irrevokat in parte s-sentenza appellata fejn ordnat il-konfiska tal-corpus delicti, "*billi din qatt ma kienet eżebita in atti*" u s-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emmanuel Buttigieg** tat-3 ta' Marzu 2003, fejn ingħad hekk: "*Kwantu ghall-piena, din il-Qorti tosserva, kif osservat tajjeb l-ewwel qorti, li l-arma in kwistjoni qatt ma giet ezibita, anqas formalment, b'mod li ma hemmx lok ta' konfiska*." Bl-istess mod, fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **The Police (Insp. James Turner) vs Sasa Manojlovic** tat-28 ta' Settembru 2022, ingħad hekk: "*In this case, however, the Court will not proceed to the forfeiture requested in the charge sheet since the excess sum was never exhibited by the Prosecution in the acts of the proceedings*".

> Il-Qorti tista’ tħassar jew tissospendi liċenzja maħruġa taħt dan l-Att u tipprojbixxi lil persuna milli jkollha xi liċenzja taħt dan l-Att għal żmien mhux iżjed minn ħames snin meta dik il-persuna tinsab ħatja ta’ reat taħt dan l-Att.

35. Illi magħdud dan kollu, din il-Qorti tqis illi m’għandux raġun l-appellant li jilmenta minn konfuzjoni jew nuqqas ta’ kjarezza għal dak li jirrigwarda l-parti tas-sentenza fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-sospensjoni tal-liċenzja, u dan meta wara kollox huwa nstab ħati biss tal-ewwel imputazzjoni u għalhekk ta’ ksur taħt il-Kap. 480 tal-Liġijiet ta’ Malta, u mhux ukoll tat-tieni imputazzjoni, li bis-saħħa tagħha l-Prosekuzzjoni talbet ukoll it-tħassir jew is-sospensjoni tal-liċenzja tal-kaċċa, fit-termini tal-Kap. 549 tal-Liġijiet ta’ Malta.

36. Għaldaqstant dan l-aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud, b’dan għalhekk illi din il-Qorti se tikkonferma wkoll dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn ġie ordnat it-tħassir u s-sospensjoni tal-liċenzja tal-appellant maħruġa taħt l-Att dwar l-Armi (Kap. 480 tal-Liġijiet ta’ Malta).

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda taqta’ u tiddeċiedi l-appell interpost minn **Michael DELIA** billi tilqgħu *in parte* u tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu;

2. Tikkonfermaha f’dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni u lliberatu minnha;

3. Tikkonfermaha f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant għall-ħlas ta’ multa ta’ seba’ mitt ewro (€700);

4. Tikkonfermaha wkoll f’dik il-parti fejn ordnat, fil-konfront tal-appellant, it-tħassir u s-sospensjoni tal-liċenzja għall-perjodu ta’ sena, dekorribbli mil-lum, u dan taħt id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 57 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta’ Malta;

5. Tirrevokaha f'dik il-parti fejn, fit-termini tal-Artikolu 56 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, ġiet ordnata l-konfiska tal-munizzjon.

**(ft) Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**

**Vera Kopja**

**Joyce Agius**
**Deputat Registratur**